# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 18**

**Avviz numru 514/01/SM**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Powercut Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' erba' mija u mija u seba u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu, (LM427.68,0), rapprezentanti danni minnha jew minn impjegati taghha kkagunati f'cable tad-dawl proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici u liema**

**danni gew ikkagunati nhar it-23 t'April, 1999 gewwa Msida Valley, Birkirkara;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2000, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u bis-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-10 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Preliminarjament illi l-talbiet ta' l-attur huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-Korporazzjoni attrici li izda sehhew minhabba negligenza, traksuragni u imperizja da parti ta' l-istess Korporazzjoni attrici;**

3. **Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u huwa ghalhekk kontestat;**

4. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura segwenti tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

1. **Illi in effetti s-socjeta' konvenuta kienet effettwat qtugh ta' "cable" tad-dawl fit-23 t'April ta' l-1999 fil-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara;**

2. **Illi pero' skond ix-xhieda tar-rapprezentant tekniku tal-korporazzjoni attrici x-xogholijiet de quo saru mis-socjeta' attrici fuq l-indikazzjonijiet precizi ta' l-istess Korporazzjoni;**

3. **Illi fil-fatt irrizulta li l-mapep fil-pussess tal-korporazzjoni kienu inezatti u superati;**

**Ghaldaqstant in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-korporazzjoni attrici ma pprovatx il-kaz taghha skond il-ligi u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta tirrespingi ghall-kollox it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**